# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ġimgħa, 14 ta' Frar, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 109/20TA**

1. **Barbarossa Excursions Limited (C 34973)**
2. **Hornblower Company Limited (C 14797)**
3. **Alexander Caruana ID 53479M eżerċenti l-kummerċ bħala 'Amazing Cruises'**
4. **Paul Buttigieg KI 11492G eżerċenti l-kummerċ bħala 'Bella Comino Ferry'**
5. **Joseph Hili KI 3782G eżerċenti l-kummerċ bħala 'Ta' Miema Boat Services'**
6. **Gozo Yachting and Diving Services Ltd (C 18426)**
7. **Raymond Xuereb KI 40092G eżerċent l-kummerċ bħala 'Optimum Private Charters'**
8. **Supreme Travel Limited (C 16408)**
9. **Abela and Hearn Limited (C 85739)**
10. **Pleasure and Leisure Limited (C 18692)**
11. **Jonathan Grech KI 9789G eżerċenti l-kummerċ bħala 'Joyride Water Sports'**
12. **Luzzu Cruises Limited (C 33710)**

**vs**

**Awtorita' għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Barbarossa Excursions Limited u oħrajn tat-22 ta' Jannar 2020;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Jannar 2020;

Rat li s-Soċjeta' Comino Ferries Co-op Ltd ġiet ukoll notifikata bl-atti għal kull interess li jista' jkollha;

Rat ir-risposta tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta tal-24 ta' Jannar 2020;

Rat l-atti kollha tar-rikors, fost oħrajn kull dokument presentat minn kull parti;

Semgħet ix-xhieda imressqa;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jitrattaw ir-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal *digriet in camera*.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti qieset fit-tul il-fatti, provi u argumenti taż-żewg partijiet għal dawn il-proċeduri u dan fid-dawl tat-talbiet elenkati propju fl-ewwel faċċata tar-rikors promotur. Il-Qorti pero' tħoss, li jkun utli li t-talbiet rikorrenti jiġu meqjusa mhux fl-ordni kif mitluba iżda billi l-ewwel tkun ikkunsidrata t-tieni talba u ċioe':

“Tezegwixxi, jew ddahhal fis-sehh, kwalsiasi ftehim milhuq ma’ terzi wara *‘RFP001/2019 – Request for Proposals for a Public Service Concession Contract for the Provision of Passenger Ferry Services Between Malta*

*and Comino',* kopja ta' liema Request for Proposals hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B'.*"*

Ġie spjegat diversi drabi minn dawn il-Qrati li l-mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta (i) huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrenti jista' jsofri preġudizzju irrimedjabbli u (ii) li hija jidhrilha li l-persuna għandha prima facie, mad-daqqa ta' għajn, dawk il-jeddijiet pretiżi. (ara **Qorti tal-Kummerċ 26 ta' Jannar 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387**). Pero' jrid ukoll jiġi sottolinejat li dan ix-xorta ta' mandat huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali. (ara **Sentenza PA Per Imħallef J.R Micallef fl-ismijiet Charles Mugliett vs Saviour Bonnici tal-25 ta' Jannar 2005**).

Il-mira prinċipali ta' dan il-mandat hija dik li jinżamm milli jsir dak li jkun għadu ma seħħx (**ara digriet mogħti mill-Prim Awla fl-ismijiet James Pearsall et -vs- Maurice Zarb Adami tat-23 ta' Lulju 2001**). Dan il-mandat ma hux intiż li jreġġa' lura xi ħaġa li tkun saret, għaliex l-utilita' proċedurali tiegħu hija waħda preventiva u kawtelatorja sakemm jiġi deċiż sostanzjalment il-mertu tal-pretensjoni avvanzata.

Dak li qed jitolbu r-rikorrenti fit-tieni talba tagħhom, li l-Awtorita' intimata tinżamm milli teżegwixxi jew iddaħħal kwalsiasi ftehim milħuq ma' terzi kif spjegat fl-imsemmija talba. F'dan ir-rigward il-Qorti ħasbet fit-tul.

Permezz tat-tieni talba r-rikorrenti jridu li jżommu lill-Awtorita' milli **tesegwixx**i jew **iddaħħal** fis-seħħ kwalsiasi ftehim ma' din is-soċjeta'. Il-Qorti eżaminat id-diċitura użata f'dak li qed jissejjaħ ftehim bejn l-Awtorita' u t-terz. Indipendentement minn dak li jingħad fil-Port Notice 01/2020, il-ftehim bejn l-Awtorita' u t-terz f'artiklu 16.2 jistipula hekk:

*"The operator shall commence Operations in accordance with Schedule 1 of this agreement by the 25th of January 2020 or within three (3) months from signing of the agreement , which ever comes first."*

Sa fejn jirrigwarda s-seħħ tal-ftehim, dan ilu fis-seħħ b'effett mill-25 ta' Ottubru 2019. Minn meta l-partijiet għal dak il-ftehim iffirmaw, l-effetti ta' dak il-kuntratt ġew fis-seħħ ope legis. Ma jirrisultax li d-dħul tiegħu fis-seħħ bejn il-partijiet huwa sospiż b'xi disposizzjoni tal-liġi jew klawsola konvenzjonali. L-esekuzzjoni tiegħu hija biss konsegwenzjali għall-fatt li l-kuntratt diġa' jinsab fis-seħħ. Di fatti artiklu 16.1 tal-ftehim jagħmilha ċara li "**Upon the signing of this agreement**, the Operator shall comply and implement the obligations arising in terms of the schedule of Operation as detailed at Schdeule 1 … ..." iżda mhux biss "as well as all other obligations arising from the declarations made by the Operator in the RFP … ...". (Ara paġna 12, Emfażi tal-Qorti). Il-ftehim jistabilixxi data minn meta **l-operatur** għandu jibda jagħti s-servizz. Ġie fis-seħħ instantanjament hekk kif il-partijiet iffirmaw il-kuntratt. Ċirkostanza ta' import legali li la l-partijiet individwalment għal dak il-ftehim, sakemm ma

jkunux konkordi bejniethom u lanqas din il-Qorti ma għandhom kontroll fuqha.

Għalhekk il-konsegwenza hija ċara, li fadal biss l-esekuzzjoni tal-ftehim u dan fit-termini ta' dak li jipprovdi artiklu 16 tal-istess. Minn eżami ta' dan l-artiklu jemerġu żewġ osservazzjonijiet importanti għall-konsiderazzjoni ta' din it-talba u ċioe':

1. L-obbligu li jibda jinghata s-servizz huwa fuq l-operatur unikament u għalhekk l-esekuzzjoni effettiva tal-ftehim tiddependi minnu. Huwa minnu li l-Awtorita' għandha l-obbligi kuntrattwali tagħha taħt dan il-ftehim versu t-terz, fost dawn li tissorvelja l-esekuzzjoni iżda u mhux li tesegwixxi l-ftehim, għax kif ingħad, l-esekuzzjoni tiegħu tiddependi mill-operatur. Dan jemerġi ukoll mill-ħames premessa tal-prejambola tal-ftehim inkwistjoni u kif ukoll minn diversi artikli tal-ftehim. Di fatti skont din il-premessa huwa l-operatur li jrid jipprovdi "**performance guarantee**" (emfazi tal-Qorti).

u

2. Huwa t-terz, li għandu l-obbligu ta' eżekuzzjoni, u li ma hux parti għal dawn il-proċeduri. Ordni ta' din xorta hija biss effettiva fil-konfront tiegħu. Dan il-ftehim jinsab fis-seħħ u l-esekuzzjoni tal-istess tiddependi mill-operatur u mhux mill-Awtorita'.

Għalhekk sa fejn jirrigwarda t-tieni talba rikorrenti din ser tkun miċħuda propju għax din il-Qorti ma tistax, f'dawn il-proċeduri, iżżomm dak li diġa'

seħħ jew dak li għandu jseħħ, bħal ma hi l-esekuzzjoni li ma tiddependix mill-Awtorita' intimata. Iċ-ċaħda ta' din it-talba qegħdha ssir mingħajr ebda preġudizzju għal pretensjonijiet sostanzjali tar-rikorrenti. Iċ-ċaħda hija biss u limitatament marbuta mal-fatt, li din ix-xorta ta' talba ma tissodisfax il-ħtiġijiet proċedurali li jimmira għalihom l-ispedizzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni.

Tiġi issa kkunsidrata l-ewwel talba li tgħid hekk:

"Ddahhal fis-sehh il-Port Notice 1/2020, datata 13 ta' Jannar 2020 u senjatament, izda mhux limitatament, milli talloka u/jew taghti lil terzi '*priority berthing rights at the landing places in Cirkewwa and Marfa and in Blue Lagoon and Santa Marija Bay, Comino marked in the annex of this Port Notice*', kopja ta' liema Port Notice, bl-annexes relattivi, hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A';"

Dwar din it-talba, il-Qorti ħasbet fit-tul u xtarret sewwa x-xhieda prodotta waqt is-smiegħ ta' dan ir-rikors.

Jibda biex jigi osservat li l-ewwel xintilla dwar il-ħsieb li wassal għall-ftehim tal-25 ta' Ottubru 2019 kien rapport li deher fil-Malta Independent fit-2 ta' Ġunju 2019 (ara dok CM1). Il-paragrafu li għandu piż fuq il-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti huwa s-segwenti:

*"A spokesman for transport Malta said the public-run service* ***will not replace the existing private ferry services but will*** **compliment them**.

The new service will, however, be given *priority.* ***For example no other vessels will be allowed to berth at the same time as the scheduled service.*** *It is also envisaged that the existing berthing facilities will be upgraded. "* (Emfażi tal-Qorti).

Minn dan l-estratt, jitnisslu żewġ osservazzjonijiet importanti għall-mertu li għandha quddiemha din il-Qorti **u dejjem ai fini ta' dawn il-proċeduri biss.**

A. Li r-rikorrenti kienu jafu bil-ħsieb ta' dan is-servizz sa minn disgħa (9) xhur ilu.

u

B. Li dan is-servizz kellu jikkumplimenta *"existing private ferry services"*.

Dwar l-ewwel punt jirrisulta mix-xhieda ta' uħud mill-operaturi, li wara l-artiklu fuq imsemmi deherilhom, min għal raġuni u min għal oħra, li ma għandhom jagħmlu xejn preventivament (ara xhieda Christopher Magro pg. 28 u 29). Jirrisulta ukoll li kull rikorrenti kellhom il-possibilita' li jagħmlu oġġezzjoni għat-tender mingħajr spejjes kwalukwe iżda dan ma għamluhx (ara xhieda James Pace pg 18). Iċċaqalqu biss meta ħareġ il-port order.

Qabel ma din il-Qorti tikkunsidra t-tieni punt tħoss li għandha tagħmel dawn l-osservazzjonijiet. Li L-Awtorita' kienet ben konsapevoli bis-servizzi li kienu ilhom jagħtu għal snin ir-rikorrenti. L-anqas ma jidher li l-Awtorita' xi ħin għamlet xi interventi f'dan ir-rigward. L-uniku intervent

huwa l-port order mertu ta' dawn il-proċeduri. Mentri minn naħa l-oħra, r-rikorrenti ma jistgħux jippretendu li għax ilhom snin joperaw b'mod deregolat, bil-konsapevolezza tal-Awtorita', li hija propjetarja tal-faċilitajiet portwali, din tal-aħħar, b'daqshekk tkun tilfet il-jedd li tagħti konċessjonijiet tax-xorta mertu ta' dan il-mandat. Pero' dan huwa aspett li jista' jkun determinat mill-Qorti kompetenti li tiġi adita biex teżamina aktar fil-fond il-każ.

Dwar it-tieni punt , il-Qorti tosserva s-segwenti. Jidher li l-ħsieb wara l-għotja ta' konċessjoni huwa li jipprovdi servizz regolari u uniformi ta' ġarr ta' passiġġieri b'mod indiskriminat lejn Kemmuna. Skont l-Awtorita' intimata dan is-servizz mhux ser ikun introdott biex jelimina servizzi oħrajn li qed jingħataw bħal ma huma dawk tar-rikorrenti, iżda biex jikkumplimentahom. Dan joħroġ anke mix-xhieda tar-rappresentanti tal-Awtorita', partikolarment dik ta' Kevin Farrugia (ara paġna 31 tax-xhieda tiegħu). Dan ifisser li meta l-operatur ma jkunx qed jgħabbi jew iħott, ir-rikorrenti jkollhom id-dritt jgħabbu u jħottu huma mingħajr ma jinkorru l-konsegwenzi tal-Ordni inkwistjoni (ara a' fol 110).

Il-Qorti eżaminat it-test tal-Ordni inkwistjoni u anke evalwatu fid-dawl tax-xhieda prodotti miż-żewg naħat. Il-Qorti tikkonkludi, li l-Ordni jirrifletti dak li deher l-ewwel darba fil-gazzetta Malta Independent u anke dak li xehdu r-rappresentanti tal-Awtorita' inkwantu jirrigwarda l-interessi tar-rikorrenti.

Dan l-Ordni jgħid *"The operator shall not have exclusive berthing rights but shall enjoy priority berthing at the landing places in Cirkewwa and Mtarfa, Malta and the Blue Lagoon and Santa Marija Bay Comino ... …* ". Għalhekk qiegħed jagħmilha ċara l-operatur għandu *priority berthing* u mhux l-użu esklussiv (ara xhieda ta' Kevin Farrugia pġ 22 tax-xhieda). Di piu' *"The Authority shall not authorise other passenger ferry operators to provide the same and/or similar services with the same rights on this route*". Dan ifisser li dan l-ordni, japplika biss u limitatament għal ġarr ta' passiġġieri fuq rotot skedati skont il-ftehim tal-25 ta' Ottubru 2019 u li bl-ebda mod ma jaffettwa d-drittijiet tar-rikorrenti li jkomplu jagħtu s-servizzi tagħhom kif spjegat aktar 'l fuq. Di fatti l-istess rikorrenti f'paragrafu wieħed (1) tar-rikors tagħhom jgħidu li joperaw "**non-scheduled charters**" u **"pre booked trips".** Għalhekk ġaladarba dan l-ordni jirreferi għal **"scheduled passenger ferry services"** il-konsegwenza hi li ma jirreferix għas-servizzi li qed jirrendu r-rikorrenti. Dan ifisser ukoll, li l-operatur il-ġdid jibbenefika biss mit-trattament ta' "priority berthing" fl-orarji msemmija fi Skeda 1 tal-ftehim. Lil hinn minn dawk l-orarji ma għandux prijorita' fuq ir-rikorrenti ( ra xhieda Kevin Farrugia a' fol 119 tergo).

Tant biex il-Qorti tagħmilha ċara u kif ġie lilha spjegat mir-rappresentanti tal-Awtorita' u anke waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri, l-operatur ser ikun qed jimxi strettament mal-ħinijiet ta' din l-iskeda u li fil-mument li ma jkunx qed jgħabbi u jniżżel il-passiġġieri r-rikorrenti huma dejjem liberi li

jagħtu s-servizzi tagħhom bħal ma dejjem għamlu. Il-Qorti tikkonkludi li dan japplika ukoll meta, għalkemm ikun il-ħin tal-operatur li jħott u jgħabbi, ikun hemm spazju biżżejjed mal-moll sabiex terzi bħal ma huma r-rikorrenti, ikunu jistgħu jagħtu s-servizzi tagħhom.

Il-Qorti qieset ukoll, ix-xorta ta' infurzar li ser ikun hemm, mhux biss biex jiġi osservat l-ordni da parti tar-rikorrenti, iżda kif ukoll da parti tal-operatur. Dan qiegħed jingħad ukoll, għaliex kif diġa' stabbilit, ir-rikorrenti għandhom interess, li fid-dawl li ser ikunu jistgħu jagħtu s-servizzi tagħhom fil-ħin li l-faċilitajiet portwali ikunu disponibbli għalihom meta l-operatur ma jkunx qed jużahom, u dan biex jirrendu s-servizz tagħhom.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-mistoqsijiet li għamlu l-abbli avukati tar-rikorrenti dwar x'xorta ta' penalitajiet ser ikun hemm biex jassigura li l-operatur ikun telaq u ġie fil-ħin. Il-Qorti fehmet li dawn ix-xorta ta' mistoqsijiet saru b'referenza għall-iskeda numru wieħed (1) u ħamsa (5) (ara a' fol 102 u 103 għal mistoqsijiet u a' fol 128 u 133 b'referenza għad-dokumenti msemmija). L-argumenti tar-rikorrenti jikkonsistu fil-fatt, li in mankanza ta' penalitajiet ta' din ix-xorta ma hemm ebda detterent biex l-operatur ma jaqax lura fl-osservanza tal-orarji fi skeda numru wieħed. Huwa minnu, li Kevin Farrugia, rappresentant tal-Awtorita' qal li *"L-Awtorita' ha tkun qed tinforza illi dawn jonoraw il-Ferry Schedules li hemm, it-time table li hemm u l-Awtorita' bl-enforcement people taghha se tkun qed tintrabat illi tara li ghabba u hareg u battal u hareg"* (ara a' fol 101 tergo). Iżda wieħed irid ukoll jara jekk din is-

sorveljanza hiex ukoll addossata b'xi penalita' biex mhux biss ikun hemm enforcement, iżda anke detterent bħal fil-każ ta' nuqqasijiet oħrajn. Il-lista tal-għemil tal-operatur li jista' jwassal għan-nuqqasijiet bil-penalitajiet korrispondenti ukoll ser ikun issorveljat mill-Awtorita'. Bħala regola, l-enforcement huwa preventiv u mhux punittiv. Il-penalita' hija konsegwenzjali meta l-għemil projbittiv ikun laħaq sar fl-assenza ta' enforcement jew meta jiġu injorati l-ordnijiet tal-ufficjali tal-Awtorita'.

Il-Qorti eżaminat l-iskeda numru ħamsa (5) fejn hemm elenkati n-nuqqasijiet (defaults) bil-penalita' korrispondenti għal kull nuqqas. Huwa fatt **li jista' jiġi stabbilit oġġettivament**, li f'każ li l-operatur, talinqas b'mod kappriċċjuż, ma josservax l-orarju ma jirrendix ruħu passibbli għal xi penalita'. Hemm penali bħal *"Cancellation of trip as per schedule*" iżda mhux jekk ma josservax l-orarju.

Fil-fehma tal-Qorti penalitajiet f'dan ir-rigward huma konsosanti mad-dikjarazzjoni tal-Awtorita' intimata li dan is-servizz ġdid ser jingħata biex jissuplimenta dawk li qegħdin jingħataw minn oħrajn. Wara kollox, li l-operatur il-ġdid joqgħod mal-orarji huwa ukoll konsonanti mal-mira prinċipali tal-Awtorita' li jkun hemm servizz skedat effiċjenti. Di piu' effiċjenza f'dan ir-rigward tassigura li jkun hemm mollijiet ħielsa għall-oħrajn li jkunu qegħdin jagħtu s-servizz tagħhom.

F'dan l-istadju irid jingħad li mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda

biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi (ara **PA 27.11.2014 - Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs Giuseppa Camilleri sive Joseph**). Barra minn hekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi imsemmija aktar 'l fuq, huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrenti ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata. (Ara kawża fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfrè Kollez. Vol: LXXII.ii.290)**.

Fid-dawl tal-provi u tagħlim ġurisprudenzjali, sa fejn jitratta l-ilment rigward skeda numru 5 ma hemmx penalitajiet relatati mal-inosservanza, tal-inqas kappriċċjuża, tal-orarji fi skeda numru wieħed (1), ir-rikorrenti jidher li għandhom prima facie dritt x'jititolaw ai fini ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk it-tieni talba ser tkun qed tigi milqugħa parzjalment u limitatament u għalhekk biss.

Fl-aħħar irid jingħad li dawn l-osservazzjonijiet qegħdin isiru unikament inkonnessjoni ma' dawn il-proċeduri, għaliex iċ-ċaħda jew l-akkoljiment għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma ġġibx magħha ċ-ċaħda jew il-konferma ta' dritt ta' xi waħda mill-partijiet għal dawn il-proċeduri. L-aspett sostanzjali tal-pretensjonijiet u difiżi tal-partijiet jista' biss jiġi deċiż mill-Qorti li tiġi appositament adita sabiex tapprofondixxi l-punti kollha

involuti. (ara **Sentenza tal-Prim Awla tas-27 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet Josephine Camilleri pro et vs Giuseppe Camilleri**).

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti, fil-waqt li qegħdha **tiċħad it-tieni talba** qed **tilqa' l-ewwel talba parzjalment u limitatament** għar-ragunijiet u fis sens kif spjegati aktar 'l fuq. Għalhekk il-Qorti filwaqt li qegħdha tikkonferma d-digriet provvisorju tagħha qed tvarjah fis-sens kif provvdut fl-akkoljiment parzjali u limitat sa fejn jirrigwarda l-ewwel talba tar-rikorrenti u ċ-ċaħda totali tat-tieni talba.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri jibqgħu bla taxxa.

**Mogħti kameralment illum 14 ta' Frar, 2020**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**